MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2011

Numru. 953/2005

**Il-Pulizija**
**(Supt. Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Joseph Falzon**
**Anthony Falzon**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:
**Joseph Falzon** ta’ 57 sena bin Paul u Rose *nee’* Micallef, imwieled Rabat fit-8 ta’ Jannar 1948 residenti ‘Deljoe Ville’ 22, Triq in-Nebbieta Attard u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 115948M;
**Anthony Falzon** ta’ 61 sena bin Carmelo u Rosina *nee’* Zahra, mwieled Rabat fis-7 ta’ Jannar 1944 residenti ‘Fallel’ 12, Triq Carmelo Bugeja Dingli u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 43244M;

Talli f'Hal-Qormi f'xi hin bejn it-3:15 ta' wara nofsinhar tat-3 t'Ottubu 2005 u s-1:30 ta' wara nofsinhar ta' nhar l-4 t'Ottubru 2005 ikkommettew serq ta' oggetti u cioe' diversi tipi ta' laham, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, mezz kif ukoll il-valur li jiskorri l-elf lira Maltija, sar ghad-detriment tal-kumpanija Cassar and Schembri Marketing Ltd;

Talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-18 t'Ottubru 2005 u matul il-gimghat ta' qabel din id-data xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom, liema hwejjeg misruqa u cioe' diversi tipi ta' laham gejjin minn serq ikkwalfikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-avukat generali tas-6 ta' Marzu 2007, mhux objettat mill-akkuzati, sabiex din il-Qorti tiddeciedi fuq l-akkuzi ravvizati fl-artikoli (a) 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281;  (b) 334; u (c) 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti, jirrizulta illi fl-4 t'Ottubru 2005 kienet sehhet serqa minn frezzer-container li kien jinsab gewwa ghalqa, liema serqa kienet tikkonsisti fi kwantita' ta' laham tal-friza fil-valur ta' cirka tlett elef liri maltin valuta ta' dak iz-zmien.  Parti mill-ammont ta' laham ekwivalenti ghall-terz tal-laham misruq kien instab fil-hanut tal-imputati li kienu gia bieghu tlett kaxxi minnu.  Ghalhekk il-prosekuzzjoni ddecidiet li tressaq lill-imputati sabiex iwiegbu ghall-akkuzi odjerni.  Dan il-laham kien jappartjeni lis-socjeta' Cassar & Schembri (Marketing) Ltd u meta impjegat taghhom kien staqsa lill-imputati jekk riedux jaghmlu ordni ghal xi laham iehor, kienu infurmawh li

kienu xtraw bi prezz irhas tant li stiednuh jara b'ghajnejh u dahhluh fil-*cold room* fejn hemmhekk innota li kien hemm kaxxi tal-laham allegatament misruq. L-abbli ufficcjal prosekutur xehed illi wara li kien ottjena mandat ta' tfittxija, kien acceda fil-hanut gestit mill-imputati u hemm sab sbatax-il kaxxa laham u irrizultalu li dawn kienu r-rimarrenti minn ghoxrin kaxxa peress illi kienu gia inbieghu tlett kaxxi minnhom. Dan il-laham kien inxtara fl-4 t'Ottubru, l-istess data li fiha sehhet is-serqa u li ghalihom l-imputati hallsu s-somma ta' Lm799.00 permezz ta' *cheque* li jgib l-istess data mahruq fuq certu John Pace. Is-supretendent Carmelo Bartolo ghamel indagini approfonditi f'dan il-kaz tant li xehed li ma jirrizultax li l-imputati qatt xtraw laham f'din il-kwantita' ghaliex normalment jixtru hafna anqas minn hekk minghand Cassar & Schembri (Marketing) Ltd u senjatament fi kwantitajiet b'valur bejn Lm24 u Lm45. Irid jinghad, izda, kif ser jirrizulta aktar tard, illi l-imputati ma jixtrux din il-qatgha ta' laham minghand is-socjeta u li dawk il-kwantitatjiet jirreferu ghall-prodotti ohra. Din kienet konsenja ta' laham Germaniz li normalment jinbiegh aktar ghola minn laham Taljan u f'dan il-kaz il-prezz li bih xtraw dan il-laham Germaniz kien ghola minn laham Taljan izda jispjega ukoll illi l-imputati inghataw incentivi billi l-prezz kien skontat u dan l-iskont kien japplika kemm il-darba jixtru ghoxrin kaxxa, kif fil-fatt ghamlu. Wiehed mix-xhieda tal-prosekuzzjoni huwa wiehed mis-sidien tas-socjeta' allegatament derubata xehed illi mill-container kien insteraq *inter alia* laham tal-qatgha *knuckles* tal-marka Zemo bin-numru tas-serje stampat fuq il-kaxxa u li din il-marka kienet introdotta fis-suq xahrejn qabel. Dan il-laham kien jibiegh lil tal-hanut bil-prezz ta' Lm1.73 kull kilo ghal mhux anqas minn hames kaxxi, meta l-prezz ta' kaxxa wahda kien ta' Lm1.78. Ix-xhud esebixxa prospett tal-laham li kien jinsab fil-container Dok RS1 izda esebixxa ukoll Dok RS2 li huwa e-mail minghand l-agenti esteri minn fejn xtara l-laham li tindika in-numru tas-serje li ghandhom jiddentifikaw il-laham in kwistjoni. L-imputati huma klijenti regolari tas-socjeta' Cassar & Schembri izda ma jixtrux *knuckles* minn ghandha. Din il-marka ta' laham kienet impurtata lokalment ukoll minn ditta ohra u jirrizulta illi l-laham

misjub ghand l-imputati huwa l-istess laham rappurtat misruq u dan wara li kien identifikat minn-numri tas-serje skond l-istess xhud a fol 53 tal-process, liema numru kienu ghandu jidher fuq l-estern tal-kaxxi. Dan il-laham kien ingieb ghall-ewwel darba minn din is-socjeta' xi gimgha qabel sehhet is-serqa u ma kienitx ghadha ccirkolatu fis-suq;

Il-prosekuzzjoni esebiet l-process verbal fl-atti tal-inkjesta dwar serq ta' laham minn gewwa container li sehh fl-4 t'Ottubru, 2005. L-istess process verbal juri li l-Magistrat Inkwirenti ma rredigiet ebda konkluzzjoni stante li kienet intalbet taghlaq l-inkjesta sussegwenti l-arrest u proceduri kontra l-imputati odjerni. F'dak il-process verbal hemm lista ta' laham misruq *qua* ismijiet u kwantitajiet izda mhux in-numri tas-serje. Espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti, xehed (fol 164) illi kien nominat sabiex jaghmel inventarju tal-laham misjub ghand l-imputati u in ottemperanza ma' dan irrilaxxja ricevuta li turi l-piz ta' kull kaxxa laham minghajr, izda, ma hemm indikazzjoni ghall-marka u n-numri tas-serje. Dawn in-numri tas-serje, izda, kienu prezervati fotografikament minn PS 186 li kien nominat bhala espert mill-Magistrat Inkwirenti u li ffotografa kull kaxxa kif ukoll il-kontenut taghha minn fejn jirrizulta illi n-numri provduti mill-kumpanija estera li bieghet il-prodott lill-Cassar & Schembri jikkorrispondu ghan-numri misjuba fuq il-kaxxi misjuba ghand l-imputati.

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat Joseph Falzon xehed illi dik kienet l-ewwel darba li ra dak il-laham u ghalhekk ma kienx jaf x'kien il-prezz tieghu fis-suq. Huwa hallas lil min issuplixxa l-kunsinna permezz ta' cheque fl-ammont ta' Lm799.00 u stiva l-laham fil-*cold room* u hallieh mikxuf kif kien fil-kaxxi tant li meta dahhal lir-rapprezentant ta' Cassar & Schembri biex jurih xi prodotti kellu mahzuna, liema rapprezentant imur ghandhom kull nhar ta' Tnejn, hu stess kien ra dawn il-kaxxi esposti. Huwa spjega ghaliex qatt ma gieh suspett li dan il-laham kien misruq u jghid li l-prezz ma kienx wiehed "mormi", fi kliem l-istess xhud a fol 245. Izid jghid li hu kien jixtri friza Taljana bil-prezz ta'

Lm1.65 meta jinghata skont. Huma hallsu lil min issuplixxa l-laham permezz ta’ cheque u dan sabiex iservi ta’ ricevuta ghaliex minghand min xtrawh ma kienx awtorizzat ibigh laham tal-friza ghaliex ma kellux coldroom izda setgha jbigh laham iehor tant li l-familja kollha tieghu kienu jbieghu l-laham tal-friza. U hemm agenti ohra li jixtru minn ghandhom b’dan il-mod minkejja li mhumiex awtorizzati stante li m’ghandhomx coldstores. Meta jixtru minn ghand nies bhal dawn, jixtru b’irhas ghaliex m’ghandhomx l-ispejjez li ghandhom dawk tal-coldrooms. Huwa jafu bhala persuna li jixtri mill-coldrooms, jixtri trimmings tal-biccerija jbighhom biex jipprocessawhom f’zalzett u minflok flus kien jiehu in kontro-kampbju, kaxxi tal-haruf, jew friza ohra u jbigh l-istess fil-hwienet. Huwa ikkonferma bil-gurmaent li ma kellu xejn x’jaqsam ma din is-serqa u qatt ma kien jaf biha;

L-imputat Anthony Falzon xehed illi x-xoghol tieghu fil-hanut gestit minnu u minn Joe Falzon, huwa wara l-counter jaqdi n-nies mentri Joe Falzon jiehu hsieb il-bejjiegha tant li anqas biss dahal fix-xiri ta’ dan il-laham mertu tal-kawza. Anqas biss jaf min qieghed dawn il-kaxxi fil-coldroom jigifieri jekk baqax diehel bihom min ghamel il-konsenja jew mod iehor.

L-impjegat ta’ Cassar & Schembri xehed illi kien intwera il-laham mill-imputati sabiex juruh li kienu haduh bi prezz ahjar minn dak li kien qed jofrilhom hu. Hu induna li dan kien tal-istess marka li kellu joqghod attent ghaliha wara li kienet saret is-serqa u l-imputati kienu qalulu ukoll b’liema prezz kienu xtrawh u f’dak ic-cirkosanzi ma deherlux li seta jaghmel offerta ahjar.

Ikkonsidrat inoltre illi l-imputati tressqu quddiem din il-Qorti sabiex iwiegbu ghall-zewg akkuzi, l-wahda ta’ serq ta’ laham u t-tieni, allura sussidjarja, ta’ ricettazjoni tal-istess oggett. In rigward tal-akkuza ta’ serq, l-fatti juru biss li l-imputati kienu fil-pussess ta’ parti, ghall-precizzjoni, terz tal-kwantita misruqa minn container ghad-detriment tas-socjeta’ Cassar & Schembri (Marketing) Ltd. Ghajr dan il-fatt, l-provi ma juru l-ebda ness iehor bejn ir-rifurtiva u l-imputati u l-fatt illi kienu l-imputati stess li

stiednu lis-*salesman* tad-derubat biex jara l-istess laham fil-*coldroom* taghhom mhux sintomatiku mal-hsieb malinn ta’ persuna li tkun ghandha kemm wettqet serqa tal-istess oggett mill-hwejjeg tad-derubat. Jizdied ukoll illi kienet il-prosekuzzjoni stess li ppruvat li l-imputati hallsu permezz ta’ cheque lil persuna li ssupliet dan il-laham u ghalhekk dan jista’ jservi bhala provi fl-akkuza ta’ ricettazzjoni certament ghandu jammonta ghal fatt ta’ zmentiment fil-konfront tal-akkuza ta’ serq. Dawn il-fatt huma ta’ importanza kbira lil din il-Qorti biex tikkonkludi li ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tapprofondixxi l-konsiderazzjoni taghha fl-ezami dwar il-fatti koncernanti l-akkuza ta’ serq u ghalhekk tghaddi biex ma tiddikjara lill-imputati mhux hatja dwar din l-ewwel akkuza;

It-tieni akkuza, invece, timmerita konsiderazzjoni aktar approfondita ghaliex l-provi juru b’mod inkonfutabbli li l-imputati kienu fil-pussess ta’ parti minn rifurtiva ta’ serqa appena mwettqa, liema rifurtiva tikkonsisti fi prodott ta’ laham u li huma stess huma bejjiegha tal-laham. Din il-kwantita’ ta’ laham kienet minnhom akkwizita bi prezz irhas minn dak normalment misjub fis-suq u fi kwantita’ li mhux normalment jixtru. L-artikolu 334 tal-Kap 9 jipprovdi illi: “kull min f’Malta xjentement jilqa’ ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel…”. Dwar l-elementi ta’ dan ir-reat, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima, deciza mill Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-25.10.2002** fejn opportunement qeghdha tkun hawn riprodotta dik il-parti disposittiva taghha. Dik il-Qorti rriteniet irriteniet hekk:

“Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei (fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 648 tal-Kodici Penali Taljan – artikolu li huwa ftit differenti mid-disposiszzjoni taghna izda li dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat huwa simili ghal taghna):

**Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza**

**criminosa, il reato *presuppone* l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena…Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto.1**

Fi kliem iehor, il-prosekuzzjoni kellha tipprova bhala fatt li l-oggetti meritu ta' l-ewwel imputazzjoni – iz-zewg Land Rovers – kienu jew insterqu, jew gew akkwistati b'qerq jew altrimenti akkwistati kontra l-ligi minn xi hadd iehor qabel ma dawn gew f'idejn l-appellant. Kellha tipprova wkoll – u dan issa a rigward ta' l-element formali tar-reat – li Grima kien konsapevoli tal-provenjenza llecita taz-zewg vetturi. Pero` wiehed ma jridx ihallat, kif donnha jidher li ghamlet l-ewwel qorti, l-element materjali ma' l-element formali. Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-appellant kien konsapevoli (fis-sens li haseb jew kien jemmen) li l-vetturi kienu "tainted" (per ezempju, minhabba l-prezz baxx li bihom xtrahom), dan ma jezonerax lill-prosekuzzjoni milli tipprova li l-oggetti in kwistjoni kienu effettivament ta' provenjenza illecita kif fuq imfisser."

Illi kwantu l-element materjali ta’ reat fil-kaz in dizamina, u fuq l-insemjament appena riportat, il-prosekuzzjoni ippruvat b’mod kliniku li l-oggett materjali tal-kawza kien provenjenti minn serq meta ppudiciet l-process verbal ta’ inkjesta tal-Qorti Istruttorja fejn kienu fotografati l-kaxxi tal-laham misjuba ghand l-imputata li d-dettalji taghhom qablu mad-dettalji tal-oggetti li kienu insterqu minghand is-socjeta’ Cassar & Schembri. Rapprezentant ta’ din ta’ l-ahhar ikkonferma ukoll li dawk l-oggetti kienu insterqu mill-container taghha. L-element formali tar-reat imbaghad jirrikjedi l-prova tal-konsapevolezza llecita tal-oggett fejn “ l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur ikun jaf jew, mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ikun missu ragonevolment ikun jaf li l-oggett li jkun akkwista jkun gej minn provenjenza kriminuza” (**App Kri Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri 16.12.1998**). Tkompli tghid l-istess Qorti, illi fir-ricetazzjoni ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda il-provenjenza kriminuza generika fis-sens li hija xjenza li tista’ tkun dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Applikati dawn il-principji ghal kaz in dizamina, jemergi illi l-imputati xtraw dan l-ammont ta’ kaxxi tal-laham tal-friza minghand persuna li ghandu negozju fil-laham billi jixtri, jimmanifattura, jakkwista b’kambju u jerga jbigh prodotti tal-laham u l-familja tieghu hija kollha involuta f’dan il-mistier, persuna dan li gieli xtraw minn ghandu u ma kellhomx ghalfejn jisuspettaw dwar l-integrita’ tieghu. L-oggett in meritu huwa oggett li l-imputati komunement ibieghu mill-hanut taghhom izda qatt ma kienu raw il-marka tieghu fis-suq. Dan kien prodott Germaniz u l-imputati kienu jafu li dan jinbiegh bi prezz aktar ghola mill-prodott Taljan li kien in-norma ghalihom *qua* din il-qatgha ta’ laham maghrufa bhala *knuckles*. Il-prezz lilhom offert kien dak ridott bi ftit centezmi kull kilo izda kif stqarr rapprezentant stess tas-socjeta’ derubata, jekk ikollok offerta simili tmur ghaliha ghaliex kull centezmu huwa ta’ gwadann. F’dan il-kaz l-offerta kienet ftit aktar generuza mis-soltu ghaliex solitament l-offerta tapplika f’kaz li jixtru tlieta jew hames kaxxi u f’dan il-kaz kellhom jixtru ghoxrin kaxxa biex jinghataw prezz ridott. Ir-riduzzjoni fil-prezz ma kienitx tali li wiehed, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ghandu jqanqal suspett

fil-provenjenza tal-merci ghaliex hawn si tratta ta’ rohs ta’ ftit centezmi kull kilo. In-nuqqas ta’ xjenza tal-imputati hija korroborata mill-fatt illi huma hallsu ghal dan il-laham permezz ta’ *cheque* u offrew ukoll raguni ghal dan konsistenti fil-fatt illi minn issuplixxa l-laham ma johrog ricevuta ghaliex mhux awtorizzat ibiegh laham frizat direttament stante li m’ghandux *coldrooms*. Tkompli tkun assodata l-konvinzjoni ta’ din il-Qorti bil-fatt illi dan il-laham tqieghed fil-*coldroom* tal-imputati b’mod li kien vizibbli tant illi meta rapprezentant ta-socjeta’ derubata offrielhom laham bhalma jaghmel kull nhar ta’ Tnejn, wiegbu li kellhom laham bi prezz irhas u haduh huma stess fil-*coldroom* biex juruh il-marka meta allura intebah li dak seta kien laham misruq lill-principali tieghu. Il-kwistjoni ta’ “recent possession” f’dan il-kaz ma ssib ebda applikazzjoni ghaliex l-imputati offrew spjegazzjoni plawsibbli kif gew fil-pussess ta’ dak il-laham. Ma ingiebet ebda prova ebda prova li is-serqa kienet rappurtata fil-midja b’mod li allura l-imputati kellhom iwiegbu ghaliex qatt ma tkellmu mal-pulizija la darba kienu jafu li sehhet serqa ta’ laham. U ghalhekk il-Qorti hija konvinta mir-ragunijiet vantati mill-imputati li huwa akkwistaw dan il-laham in bona fede u ma kien hemm xejn fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz illi huma kellhom ragonevolment jissuspettaw provenjenza kriminuza tal-merci.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputati hatja u tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------